



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0139(COD)

5103/1/23
REV 1 ADD 1

VISA 2
COWEB 2
COMIX 5
CODEC 5
PARLNAT 32

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (il-Kosovo*)

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2023

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta¹ għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-għan li titħassar ir-referenza għal "Kosovo*" fl-Anness I (ħtieġa ta' viża) u li tiddaħħal l-istess referenza fl-Anness II (mingħajr viża) għal dak li issa huwa r-Regolament (UE) 2018/1806. Fir-rapport finali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża², il-Kummissjoni kkonfermat li l-Kosovo ssodisfa r-rekwiżiti, bil-qbil li, sal-jum tal-adozzjoni tal-proposta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kosovo jkun irratifika l-ftehim tal-fruntieri/konfini mal-Montenegro u saħħaħ l-impenn tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.
2. F'Lulju 2018, il-Kummissjoni ħarġet rapport³ li kkonkluda li l-Kosovo kien laħaq dawk iż-żewġ punti ta' riferiment li kien fadal, bħala riżultat tar-ratifika tiegħu tal-ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri mal-Montenegro.
3. Fit-28 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, billi approva l-proposta tal-Kummissjoni. Ir-rapporteur oriġinali, is-Sa Tanja Fajon (S&D, SI), fl-2022 ġiet sostitwita mis-Sur Thijs Reuten (S&D, NL).
4. Fil-Kunsill, il-korpi preparatorji ssuspendew l-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni fl-2016, minħabba l-fatt li ż-żewġ punti ta' riferiment li kien fadal kellhom jiġu sodisfatti *qabel* kwalunkwe diskussjoni ġdida dwar il-fajl. Saru wkoll aktar diskussjonijiet fl-2018 u fl-2020.
5. Fl-2022, il-Kummissjoni qablet li tirrapporta bil-miktub dwar il-progress ulterjuri li sar mill-Kosovo. Billi għamlet dan, hija wieġbet għat-talba tal-Kunsill li kienet ilha żmien twil pendent. Id-dokument informali tal-Kummissjoni intitolat "Factual update on key developments in the areas of main interest for Member States" ikkonkluda li l-Kosovo kien kompli jikkonsolida l-progress fl-oqsma ewlenin identifikati fil-pjan direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża u, konsegwentement, il-bażi għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2018 biex id-detenturi ta' passaporti tal-Kosovo jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-viża fir-rigward ta' soġġorni qosra baqgħet għalkollox valida.

¹ 8670/1/16 REV 1.

² 8764/16.

³ 11295/18 + ADD 1 REV 1.

6. Wara l-preżentazzjoni tad-dokument informali tal-Kummissjoni, il-ħidma fuq il-fajl tkomplet fil-Kunsill. Fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Novembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta mandat biex jidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew⁴.
7. In-negozjati bdew ftit wara. Wara l-ewwel laqgħa teknika li saret fit-12 ta' Diċembru 2022, issejjaħ trilogu politiku fl-14 ta' Diċembru 2022 fi Strasburgu. Iż-żewġ koleġislaturi laħqu ftehim billi sabu kompromess dwar il-ftit kwistjonijiet pendenti identifikati fil-livell tekniku.
8. Fl-20 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u kkonfermah⁵.
9. Fit-12 ta' Jannar 2023, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (il-Kumitat LIBE) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil politiku, u fit-13 ta' Jannar 2023 il-President tal-Kumitat LIBE bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova r-Regolament fl-ewwel qari, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.
10. L-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tar-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu, billi dan jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li fih l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem.
11. Fir-rigward tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen.
12. Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq jew inkella huwa relatat mal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Atti ta' Adeżjoni rispettivi.

⁴ 15462/22.

⁵ 16276/22.

II. OBJETTIV

13. Ir-Regolament għandu l-għan li jittrasferixxi r-referenza għal "Kosovo*" mill-Anness I (lista ta' pajjiżi soġġetti għall-ħtieġa ta' viża) għall-Anness II (lista ta' pajjiżi eżentati mill-viża) fir-Regolament (UE) 2018/1806. B'konsegwenza ta' dan, id-detenturi ta' passaporti bijometriċi tal-Kosovo ser igawdu minn vjaġġar mingħajr viża għal soġġorni qosra (jiġifieri sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum) fl-Unjoni Ewropea.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

14. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova mingħajr emendi fit-tieni qari tiegħu. It-test tal-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi, assistiti mill-Kummissjoni Ewropea.
15. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tfittex li tirrikonċilja l-oġġettiv li d-detenturi ta' passaporti tal-Kosovo jkunu eżentati mill-ħtieġa ta' viża, ma' tħassib relatat mar-riskji migratorji u ta' sigurtà.
16. F'dik il-perspettiva, id-data tal-implimentazzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-viża kienet marbuta mad-dħul fis-seħħ tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), sabiex tiġi sfruttata b'mod sħiħ is-sistema l-għdida tal-IT tal-UE, li wieħed mill-oġġettivi tagħha huwa li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà u tipprevjeni l-immigrazzjoni illegali permezz ta' valutazzjoni bir-reqqa ta' vjaġġaturi eżentati mill-ħtieġa ta' viża, qabel il-wasla tagħhom fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni.
17. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-kalendarju għad-dħul fis-seħħ tas-sistemi tal-IT tal-UE huwa soġġett għal reviżjoni, il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari turi b'mod ċar li l-liberalizzazzjoni tal-viża ser tapplika fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024, jekk il-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS jiġi ttardjat aktar.

18. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinsisti wkoll fuq żewġ punti. L-ewwel nett, l-importanza tal-kooperazzjoni tal-Kosovo dwar ir-riammissjoni, b'mod partikolari permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti f'dan il-qasam mal-Istati Membri, f'każ li dawn ma jeżistux diġà, u dan f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' *non-refoulement*. Din l-istedina hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus tal-Kosovo. It-tieni nett, il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tisħaq l-importanza li l-politika tal-Kosovo dwar il-viżi tkun allinjata ma' dik tal-Unjoni, sabiex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari lejn iż-żona Schengen.

IV. KONKLUŻJONI

19. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
20. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat LIBE indirizza lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-13 ta' Jannar 2023. F'dik l-ittra, il-President tal-Kumitat LIBE indika li ser jirrakkomanda lill-membri tal-Kumitat tiegħu, u sussegwentement lill-plenarja, jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.